# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 5**

**Rikors numru 17/2020/1 SG**

Fl-atti tac-Cedola ta' Depozitu Nru. 8/2020 u
wara l-mandat ta' sekwestru nru 1608/2019

Fl-ismijiet:

**Dorothy Trapani Galea Feriol, Igino Trapani Galea Feriol, Nicholas Bianchi f'ismu personali u bhala mandatarju ta' Colin Huber, Christopher Huber u ta' John Huber, Andre Bianchi, Annamaria Tabone Bianchi, Bettina Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol u Nicholas Trapani Galea Feriol**

**v.**

**Awtorita` tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn provvediment moghti mill-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet fit-2 ta' Dicembru, 2020, li permezz tieghu cahad it-talba tar-

rikorrenti sabiex jizbankaw is-somma sekwestrata ta' €1,098,901, rapprezentanti mghax ulterjuri dovut lilhom, in ezekuzzjoni tal-kreditu taghhom, in forza ta' sentenza tal-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet datata 28 ta' Frar, 2018, ikkonfermata minn din il-Qorti fid-29 ta' Marzu, 2019, li fiha nghad li l-imghax ghandu jiddekorri mit-3 ta' Novembru, 1973.

2. Jinhass xieraq li jigu riprodotti l-konsiderazzjonijiet u l-provvediment tal-Bord li jispjegaw l-*iter* tal-proceduri li pprecedew ic-cedola, ir-rapprezentazzjonijiet rispettivi tal-partijiet, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-Bord li wasslu sabiex jinghata l-imsemmi provvediment:

> "Irrizulta li fit-28 ta' Frar 2018, inghatat sentenza minn dan il-Bord diversament ippresedut, fejn gie ordnat li l-imghax ghandu jiddekorri mit-3 ta' Novembru 1973, sad-data tal-pagament effettiv. Sar appell minn din is-sentenza li gie deciz mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu 2019, liema sentenza kkonfermat id-decizjoni tal-Bord.
>
> "Mix-xhieda u dokumenti ezebiti, jirrizulta li l-Awtorità tal-Artijiet hallset is-sorte ammontanti ghal EUR 585,000, u kif ukoll hallset is-somma ta' EUR 761,297.36 u EUR 38,041.64 bhala imghax. Din is-somma tal-imghax giet ikkalkolata mill-Awtorità intimata abbazi tal-applikazzjoni tal-Art 12(3) tal-Kap 88, li jaghmel referenza ghall-iskeda 2 tal-Kap 88.
>
> "Skont l-Awtorità tal-Artijiet, kellha tigi applikata l-iskeda fl-Art 12(3) tal-Kap 88, u cioè l-artikolu vigenti dakinhar li nghatat is-sentenza tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet. L-Awtorità nsistiet illi l-iskedi ghandhom japplikaw. Intqal li l-fatt li s-sentenza ma tghidx li ghandha tapplika xi skeda, ma jfissirx li b'daqshekk ma ghandhiex tapplika din l-iskeda. In sostenn tal-argumenti taghha, l-Awtorità tal-Artijiet, ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Lulju 2020, (rikors numru 6/99FDP), fl-ismijiet Il-Kummissarju tal-Artijiet, illum Awtorità tal-Artijiet vs Ignatius Licari bhala likwidatur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Farr Limited ghall-Utile Dominju Perpetwu. Intqal li f' dak il-kaz, il-Bord kif diversament kompost, ta d-decizjoni fis-27 ta' Jannar 2016, u qal li l-imghax ghandu jiddekorri mill-4 ta' Gunju 1982, minghajr ma qal jekk ghandux japplika l-Art 12(3) jew le. L-Awtorità ghaddiet biex ikkwotat is-sentenza tal-Appell, fejn intqal li s-sentenzi tal-Qorti

Kostituzzjonali tal-25 ta' Novembru 2016, fl-ismijiet Emidio Azzopardi et vs Kummissarju tal-Artijiet et, kif ukoll dik tal-24 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs Igino Trapani Galea Feriol pro et noe et, jistghu jservu ta' gwida dwar kif ghandu jigi komputat l-imghax a tenur tal-Artikolu 12(3) tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Mill-banda l-ohra, ir-rikorrenti jsostnu illi f'dan il-kaz, is-sentenza moghtija hija llum *res judicata,* u permezz tal-istess sentenza, hekk kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, l-ammont gie kanonizzat. Gie argumentat li s-sentenza tghid biss li s-sorte huwa soggett ghall-interessi li jibdew jiddekorru mill-5 ta' Novembru 1973. Ir-rikorrenti ghalhekk isostnu li taht ir-regoli generali li jirrigwardaw sentenzi li jillikwidaw ammont dovut, gialadarba l-Bord u l-Qorti tal-Appell stabbilew data minn meta bdew jiddekorru l-interessi, u stante li huwa ammont kanonizzat b'sentenza, l-istess ammont hekk kanonizzat, jiddekorri bl-interessi inizjalment bir-rata ta' 5% u wara April 1983 bit-8% fis-sena.

"Ir-rikorrenti argumentaw li l-Awtorità tal-Artijiet qed titlob li jigi wzat metodu differenti ghall-komputazzjoni tal-interessi f'dan l-istadju, u qatt ma qajjmu eccezzjoni f'dan is-sens, jew resqu xi appell fuq dan l-aggravju. Saret insistenza mir-rikorrenti, fis-sens li l-Awtorità intimata, ma tistax tbiddel dak li huwa deciz u li ghadda in gudikat. Gie argumentat ukoll li l-iskedi, lanqas ma jistghu jkunu applikati f'dan il-kaz, ghaliex l-formula elenkata fl-iskeda li qed tinvoka l-Awtorità tal-Artijiet, titlob *items* li f'dan il-kaz, lanqas ma jezistu. Ghalhekk, dan il-Bord intalab li japplika l-Artikolu 1047(1) tal-Kodici Civili, li gie emendat permezz ta' Att XXXIX tal-1939, u permezz tal-AttVI tal-1983, b'dan illi tigi applikata hlas ta' interessi bir-rata ta' 5% mit-3 ta' Novembru 1973, sas-26 ta' April 1983, u minn hemm 'il quddiem bir-rata ta' 8% fis-sena, filwaqt li jittiehed in konsiderazzjoni l-pagament akkont tas-sorte li sar fi Frar 2016. Ir-rikorrenti sostnew ukoll li l-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, gie abrogat u m'ghadux japplika, u semmai, skont l-Art 66 tal-Kap 573, l-interessi ghandhom jigu kalkolati bir-rata ta' 8% per annum.

"**Ikkunsidra**

"Dan il-Bord fela bir-reqqa l-argumenti kollha mressqa minn entrambi l-partijiet, kif ukoll l-atti kollha allegati u l-provi hemm migbura.

"Preliminarjament, dan il-Bord jippreciza li dan ir-rikors sar fl-atti ta' cedola ta' depozitu li giet ipprezentata in segwitu ghal mandat ta' sekwestru, li gie milqugh minn dan il-Bord hekk kif ippresedut. Dan mhuwiex rikors li sar apozitament fejn intalab li dan il-Bord jikkjarifika dwar kif kellu jigi komputat l-imghax stabbilit mid-decizjoni ta' dan il-Bord. Per ezempju, ir-rikors bin-numru 24/2009, fl-ismijiet Zoqdi Developers Ltd vs Direttur tal-Artijiet, illum Awtorità tal-Artijiet, deciz mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Novembru 2018, kien proprju rikors li sar apozitament biex tigi kkjarifikata r-rata tal-imghax tal volta spettanti. Fis-sentenza tal-Bord moghtija fis-7 ta' Novembru 2012, hekk kif ikkonfermata mill-Appell fis-26 ta' Mejju 2017, gie mnizzel biss li huwa dovut l-imghax legali skont

il-ligi u imbghad in segwitu ghal proceduri li ttiehdu ghal kjarifika, gie deciz il-mod kif ghandu jigi applikat l-Artikolu 12(3) tal-Kap 88, u dana ai termini tas-sentenza finali moghtija mill-Qorti tal-Appell, fit-13 ta' Novembru 2018.

"Dan il-Bord qieghed f'dan ir-rikors, jigi rinfaccat b'talba sabiex jawtorizza r-rilaxx ta' flejjes li gew depozitati in segwitu ghal mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 1608/2019, u dwar liema mandat, inhareg kontro-mandat akkordat fid-19 ta' Frar 2020, stante li fir-ragunijiet moghtija fil-formola apozita tal-kontro- mandat, gie mnizzel illi r-rikorrenti m'ghandhomx iktar interess li dan il-mandat jibqa' jsehh, il-ghaliex l-ammont sekwestrat, gie depozitat il-Qorti. Ghalhekk, wara li giet ipprezentata c-cedola ta' depozitu riferita, u qabel ma giet ipprezentata t-talba ghal hrug ta' kontro-mandat, sar dan ir-rikors ghal zbank tal-ammont mitlub mir-rikorrenti u mahdum minnhom, abbazi tad-disposizzjonijiet generali, u cioè l-Artikolu 1047(1) tal-Kodici Civili. Ghal dan ir-rikors, giet ipprezentata risposta wara li l-Bord ordna n-notifika tieghu lill-kontroparti, f'liema risposta gie mitlub li l-Bord ghandu jichad it-talba ghal zbank

"Dan il-Bord iqies li biex tigi risolta din il-kwistjoni, u cioè dwar jekk effettivament ghandux jigi rilaxxat l-ammont sekwestrat lir-rikorrenti, jew jekk l-istess ammont ghandhux jigi liberat, (hekk intalab f'punt 3.1.3 tar-risposta tal-Awtorità pprezentata fil-11 ta' Settembru 2020), hemm bzonn li ssir procedura *ad hoc,* fejn issir talba dwar kif ghandu jigi komputat l-imghax dovut ai termini tas-sentenza moghtija u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu 2019. Dan il-Bord huwa tal-fehma li ghandha ssir procedura *ad hoc* fl-atti ta' dik l-istess kawza, u mhux fl-atti tac-cedola ta' depozitu, biex semmai, tigi kkjarifikata dik is-sentenza. F'dan l-istadju, dan il-Bord iqies li, gialadarba quddiemu ghandu biss rikors fl-atti tac-cedola ta' depozitu ghall-irtirar u zbank ta' somma sekwestrata, huwa jkun qed imur lil hinn minn dak mitlub meta jidhol f'ezami dwar kif ghandu jigi komputat l-imghax dovut. Fi kwistjoni bhal dawn, anke f'fora ta' procedura civili ordinarja, meta jkun hemm kwalunkwe oggezzjoni da parti tal-kontroparti, Qorti tghaddi biex tichad f'dak l-istadju, l-izbank tal-ammont mizmum fic-cedola relattiva."

3. Ir-rikorrenti hassewhom aggravati bl-imsemmi provvediment tal-Bord u ghalhekk interponew appell minnu u talbu lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata u konsegwentement tirrinvija l-atti lura lill-Bord sabiex ir-rikors ta' zbank jigi deciz fil-mertu. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.

4. Min-naha taghha, l-Awtorita` appellata, filwaqt li zammet ferm il-pozizzjoni taghha fis-sens li, it-talba ghall-izbank ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet moghtija minnha fir-risposta taghha, izda sa fejn fl-appell in ezami jintalab li "*din l-Onorabbli Qorti tirrinvija l-atti lura in Prim'Istanza",* l-Awtorita` irrimettiet ruhha ghall-gudizzju ta' din il-Qorti. B'dan illi l-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu a karigu tal-appellanti.

5. Rat li d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw waqt is-seduta tal-11 ta' Frar, 2021, li m'ghandhomx x'izidu mal-atti u li l-appell jista' jigi differit ghas-sentenza.

6. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

7. Illi dan il-kaz qieghed jigi ttrattat flimkien ma' kaz iehor li qieghed jigi deciz illum ukoll (16/2020), peress li huma ntrinsikament konnessi gialadarba saret cedola ta' depozitu wahda. Fil-kaz in ezami, jirrizulta li, permezz ta' Avviz numru 54 fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Jannar, 2015, il-Gvern iddikjara li l-kumpens dovut ghax-xiri b'titolu assolut bhala liberu u frank tal-fond numru wiehed (1) fi Triq Alfons Maria Galea, Birzebbugia, u li ghal tali tehid kien qieghed joffri kumpens ta €175,000. Filwaqt li permezz tal-Avviz numru 55 fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta Jannar, 2015,

il-Gvern iddikjara li ghax-xiri b'titolu assolut bhala liberu u frank ta' porzjon art f'Birzebbugia tal-kejl superficjali ta' 294m$^2$, kien qieghed joffri kumpens ta' €125,000. Mill-kuntratt esebit in atti bhala Dok. MG2 (a fol. 34) jirrizulta li, in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon fis-17 ta' Frar, 2016, ir-rikorrenti vendituri ittrasferew lill-Gvern it-titolu ta' bejgh taghhom fuq l-istess fond u art ghall-prezz komplessiv ta' €300,000. Izda peress li l-proprjetarji ma kinux qablu mal-prezz offrut mill-Gvern, irrizervaw id-drittijiet taghhom fuq l-istess kuntratt u ressqu proceduri quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet sabiex jikkontestaw tali prezz. Permezz tad-decizjoni tal-Bord tat-28 ta' Frar, 2018, fil-kawza fl-istess ismijiet, li ggib referenza 17/2015, gie determinat il-kumpens dovut lir-rikorrenti wara li sehhew l-imsemmija proceduri ta' esproprju, fil-kaz tad-dar numru wiehed (1) fi Triq Alfons Maria Galea, Birzebbugia, kellu jkun fl-ammont ta' €350,000, u fil-kaz tal-porzjon art tal-kejl ta' 294m$^2$, il-kumpens kellu jkun ta' €235,000 b'dan illi gie determinat ukoll li l-imghax ghandu jiddekorri b'effett mit-3 ta' Novembru, 1973. Ghalkemm il-partijiet f'dawk il-proceduri appellaw mid-decizjoni tal-Bord, in kwantu tressaq kemm appell principali da parti tal-Awtorita` tal-Artijiet, kif ukoll dak incidentali da parti tas-sidien, hadd minnhom ma qajjem il-kwistjoni tal-komputazzjoni tal-imghax quddiem din il-Qorti.

8. Sussegwentement, permezz ta' kuntratt ta' modifika u korrezzjoni, fl-atti tan-Nutar Diana Galea, datat 30 ta' Ottubru, 2019, jirrizulta li filwaqt

li sar il-hlas tal-bilanc ta' €285,000 (differenza bejn il-prezz li thallas fuq il-kuntratt precedenti u l-prezz kif determinat mill-Bord), sar hlas ta' imghax tas-somma ta' €761,297.36 rapprezentanti l-imghaxijiet li ddekorrew minn meta l-Gvern ha pussess tal-art fl-1973 sad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, kif ukoll is-somma ta' €38,041.64 rapprezentanti l-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data meta nqatghet is-sentenza tal-Bord sad-data tal-kuntratt. B'dan illi l-vendituri accettaw il-hlas totali ta' €1,084,339.00, minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe` interessi ulterjuri li jistghu jigu decizi mill-Qorti.

9. Billi r-rikorrenti dehrilhom li ma kinux thallsu l-interessi kollha skont kif deciz mill-Bord, intavolaw mandat ta' sekwestru 1608/2019, ghall-ammont ta' €1,098,901.00. Kwindi saret cedola ta' depozitu minn bank sekwestratarju li ggib referenza 8/2020 fejn l-ammont totali ta' €1,422,741, mitlub mir-rikorrenti f'din il-kawza, kif ukoll fir-rikors 16/2020, gie depozitat il-Qorti (fol.1).

10. Ir-rikorrenti ressqu rikors sabiex jizbankaw is-somma sekwestrata li f'dan il-kaz hija ta' €1,098,901, skont prospett ippreparat minnhom. Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti talbu l-interessi fuq l-ammont kanonizzat ta' €585,000 permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Marzu, 2019, bir-rata ta' 5% bejn is-snin 1973 u 1983 u bit-8% fuq l-ammont shih, bejn April 1983 u s-17 ta' Frar, 2016, sakemm sar il-hlas parzjali ta' €300,000,

kif ukoll interessi ta' 8% fuq il-bilanc bejn is-17 ta' Frar, 2016 u t-30 ta' Ottubru, 2019 (data tal-hlas tal-bilanc tas-sorte).

11. L-Awtorita` tal-Artijiet ressqet risposta li permezz taghha kkontestat it-talba tar-rikorrenti ghall-izbank, peress li tikkontendi li l-imghax pretiz mir-rikorrenti, fis-somma ta' €1,098,901, m'huwiex dovut peress li l-imghax kkalkulat u mhallas minnha sar a bazi tal-Artikolu 12(3) u tat-Tieni Skeda tal-Kap. 88 applikabbli fil-kaz in ezami, oltre l-imghax bir-rata ta' 8% fuq il-bilanc mhux imhallas minnha bejn id-data tas-sentenza u d-data tal-hlas effettiv.

12. Il-Bord cahad it-talba tar-rikorrenti ghall-izbank, peress li qies li ghandha ssir procedura *ad hoc,* fejn jintalab li jigi ccarat kif ghandu jigi kkomputat l-imghax dovut ai termini tas-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Marzu, 2019. Dan peress li l-atti quddiem il-Bord kienu l-atti tac-cedola ta' depozitu u r-rikors ghall-izbank tas-somma sekwestrata. Kwindi l-Bord qies li jkun qieghed imur lil hinn minn dak mitlub, li kieku kellu jidhol fl-ezami dwar kif ghandu jigi komputat l-imghax dovut. Gialadarba kien hemm oppozizzjoni da parti tal-kontroparti, il-Bord iddecieda li kellu jichad it-talba ghall-izbank tal-ammont mizmum fic-cedola relattiva. Dan b'rizerva ghal kwalunkwe drittijiet li ghandhom il-partijiet, inkluz li jergghu jintavolaw rikors fl-atti tac-cedola, fi stadju ulterjuri. B'dan li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

13. Ir-rikorrenti jsejsu l-appell taghhom fuq l-aggravju li ma jaqblux mar-ragunament tal-Bord, li ddecieda li l-procedura permezz ta' rikors ta' zbank, ma kinitx dik idoneja u li r-rikorrenti kellhom jintavolaw rikors differenti quddiem l-istess Bord minflok fl-atti tac-cedola. Ir-rikorrenti appellanti jikkontendu li huma ghandhom titolu ezekuttiv naxxenti minn sentenza li ghaddiet in gudikat u ghalhekk m'humiex qeghdin jitolbu interpretazzjoni tas-sentenza, izda qeghdin jitolbu ezekuzzjoni u applikazzjoni tal-istess sentenza, stante li l-materja hija deciza u finali. Huma jikkontestaw l-analizi tal-Bord meta saret referenza minnu ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Novembru, 2018, fil-kawza fl-ismijiet **Zoqdi Developers Limited v. Direttur tal-Artijiet,** peress li jikkontendu li dak il-kaz kien dwar diversi aspetti pjuttost differenti, peress li kien ghadu ma sarx il-kuntratt ta' hlas, apparti l-kwistjoni tal-interessi, li f'dak il-kaz inghad li l-imghax legali jinhadem skont il-ligi. Mentri f'dan il-kaz is-sentenza ghaddiet in gudikat u fiha kien hemm stabbilit ukoll minn meta jibda jiddekorri l-imghax. Ghalhekk ir-rikorrenti appellanti jsostnu li din mhix kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' sentenza, izda applikazzjoni ta' sentenza li hija *res judicata.*

14. Illi ghandu jinghad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq mir-rikorrenti appellanti. Kellu jkun car ghar-rikorrenti, hekk kif sar il-kuntratt tat-30 ta' Ottubru, 2019, li kien hemm

divergenza dwar l-interpretazzjoni ta' kif ghandu jigi komputat l-imghax. Filwaqt li m'huwiex ikkontestat li s-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Marzu, 2019, ghaddiet in gudikat, u l-Awtorita` appellata tat effett lil dak il-gudikat, permezz tal-kuntratt tat-30 ta' Ottubru, 2019, jibqa' il-fatt li l-partijiet kienu qeghdin jaghtu interpretazzjoni differenti dwar kif ghandu jigi kkomputat l-imghax. Ghalkemm lanqas m'hemm kontestazzjoni li l-imghax ghandu jiddekorri mit-3 ta' Novembru, 1973 u din id-data tifforma parti mill-gudikat, din il-Qorti f'dik is-sentenza m'ghamlet l-ebda referenza ghall-metodu li bih kellu jigi kkalkulat l-imghax, gialadarba hadd mill-partijiet ma ressaq appell jew talba ghal kjarifika f'dak is-sens. Isegwi li ma jistax jinghad li l-komputazzjoni tal-imghax jifforma parti mill-gudikat.

15. Id-dizgwid principali jitratta l-fatt li, fir-rigward tal-komputazzjoni tal-imghax, filwaqt li r-rikorrenti appellanti jikkontendu li ghandhom jigu applikati l-provvedimenti tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Kodici Civili), l-Awtorita` ssostni li ghandhom japplikaw il-provvedimenti tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta) ghall-kaz in ezami. Jirrizulta li kien hemm korrispondenza da parti tar-rikorrenti (f'April 2019 - ara verbal tal-Qorti a fol. 18) dwar kif kellu jigi komputat l-imghax. L-Awtorita` wriet lir-rikorrenti, kif fil-fehma taghha kellhom jigu komputati l-imghaxijiet (ara x-xhieda tan-Nutar Marisa Grech a fol. 24 tal-process). Dan wassal lill-Awtorita` sabiex permezz tal-kuntratt tat-30 ta' Ottubru, 2019, tavvanza l-hlas tal-bilanc tal-ammont

dovut lir-rikorrenti, hekk kif determinat mill-Bord, kif ukoll l-imghaxijiet li hija rriteniet bhala dovuti, salv li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ghall-imghaxijiet ulterjuri baqghu mpregudikati. Isegwi li kien ikun aktar ghaqli li kieku r-rikorrenti appellanti talbu li jigi determinat l-ammont ta' imghax dovut, qabel ma ntavolaw il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv, gialadarba kien evidenti li kien hemm divergenza ta' interpretazzjoni.

16. Fil-verita` it-talba ghall-korrezzjoni jew kjarifikazzjoni tista' ssir a bazi tal-Artikolu 825 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). L-ewwel sub-inciz jaghti fakolta` lill-Qorti li tikkoregi zball ta' kalkolu, waqt it-tieni sub-inciz tal-istess artikolu jaghti fakolta` li jigu kkoreguti zbalji fil-kliem uzati fis-sentenza **jew sabiex jitbiddlu espressjonijiet mhux cari**. B'dan illi t-terminu sabiex isir rikors f'dan is-sens, huwa dak ta' tletin gurnata minn dak in-nhar li tinghata s-sentenza. Kunsidrat li s-sentenza ta' din il-Qorti nghatat fid-29 ta' Marzu, 2019, dan il-perjodu ilu li ddekorra. Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss ghandu jigi mhares *ad unguem*. Isegwi li dan il-provvediment ma jistax ikun ta' ghajnuna fil-kaz in ezami.

17. Isegwi li l-procedura idoneja sabiex jigu determinati l-interessi ai termini tas-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Marzu, 2019, kellha tkun li jigi pprezentat rikors quddiem il-Bord, fejn ir-rikorrenti jaghmlu l-kaz taghhom dwar l-imghaxijiet pretizi minnhom u jgibu r-ragunijiet kollha li

ressqu fil-proceduri odjerni, proprju sabiex jigi determinat l-imghax dovut lilhom. B'dan illi, l-Awtorita` appellata wkoll ikollha l-opportunita` li tressaq is-sottomissjonijiet taghha. Kif gustament osservat mill-Bord, hekk kien sar fil-proceduri li jgibu referenza 24/2009 fil-kawza fl-ismijiet **Zoqdi Developers Limited v. Direttur tal-Artijiet**, deciza finalment minn din il-Qorti fit-13 ta' Novembru, 2018. Huwa minnu li f'dak il-kaz kien hemm ukoll il-kwistjoni li l-kuntratt ta' hlas kien ghadu ma sarx, izda kien hemm ukoll kontestazzjoni dwar il-komputazzjoni tal-imghax u ghalhekk kien intavolat rikors quddiem il-Bord fejn hemm intalab "***jikkjarifika dwar ir-rata tal-imghax tal volta spettanti lill-esponenti*** *kif ukoll fuq liema ammont huwa dovut u apparti dan titlob ukoll illi dan il-Bord joghgbu jistabilixxi l-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv sabiex f'dan il-kuntratt jithallas kemm il-kumpens ghall-prezz tal-art kif ukoll l-interessi kollha b'effett mid-data tat-tehid fiziku sad-data tal-hlas effettiv".*

18. Isegwi li din il-Qorti taqbel ma' dak li nghad mill-Bord, in kwantu kontestazzjonijiet dwar komputazzjoni ta' imghax, li kienu evidentement prezenti bejn il-kontendenti fil-kawza, ma kellhomx jigu trattati fl-atti tac-cedola tad-depozitu, fejn il-Bord ikun tenut jilqa' jew jichad talba ghall-izbank tal-flus hemm depozitati, izda kellhom jigu trattati f'proceduri separati *ad hoc.* Ghalhekk ghamel sew il-Bord meta f'dan l-istadju cahad

it-talba tar-rikorrenti ghall-izbank u ma tara xejn censurabbli f'dak li nghad mill-Bord.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet moghtija, tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti billi tichad l-istess u tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tat-2 ta' Dicembru, 2020, fl-atti tac-cedola fl-ismijiet premessi. B'dan illi, l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu tar-rikorrenti appellanti *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
gr